# LIJA ATHLETIC FOOTBALL CLUB
## *50 Sena ta' logħob tal-Ballun*

**minn C. Bonnici, Segretarju**

Meta ġejt mitlub biex nikteb fuq il-każin tal-*football* LIJA ATHLETICS rajt li tkun ħaġa wisq xierqa li qabel nibda dan ir-rapport nipprova niġbor xi tagħrif siewi fuq il-Każin Liense, l-istess każin li llum jinkorpora fih il-każin tal-*football*.

**Il-Każin Liense – 1878-1959**

Fis-seklu li għadda, ħafna rġiel bdew iħossu l-ħtieġa li, wara ġurnata xogħol, għandhom isibu post addattat fejn ikunu jistgħu jiltaqgħu soċjevolment u jgħaddu l-ħin f'rikreazzjoni xierqa bejniethom sa ma jsir il-ħin biex jinġabru mal-familji tagħhom, jew imorru jistrieħu.

Kien fis-sena 1878 li grupp ta' rġiel fetħu l-ewwel każin f'Ħal Lija. Billi dan kien iġib l-isem ta' "Circolo Giovanile Liense" jidher li numru sostanzjali minn dawn kienu żgħażagħ. Il-festa, f'kull belt u raħal ta' Malta, kienet l-avveniment l-aktar importanti tas-sena, kważi l-fus li miegħu ddur il-ħajja taċ-ċittadini. Għaldaqstant, l-iskop ewlieni tal-Każin Liense kien li jieħdu ħsieb parti mill-festa tas-Salvatur li ssir kull sena. Xi żmien wara, il-każin beda jissejjaħ "Circolo Liense", kif jidher sa llum minn iskirzzjoni mal-faċċata tal-każin li ġġib id-data 1878.



*Il-Kuruna artistika li għaliha baqa' msemmi l-Każin Liense.*

L-attività l-aktar importanti għall-membri kienet li jaħdmu l-armar ta' barra tal-festa tas-Salvatur. Fost dawn, kienu jsiru

pirandi, trofej u armi. Dan ix-xogħol ta' l-injam ma nħadimx f'sena waħda iżda ħa ż-żmien. Kull sena, kien jiżżanżan xi armar ġdid li jintrama fil-viċinanza tal-każin. Ta' min igħid li l-Każin Liense kien imsemmi ħafna għall-kuruna artistika, li kienet tintrama quddiem il-każin stess u li minn taħtha tgħaddi l-vara tas-Salvatur. Fortunatament, din għadha tintrema sa din is-sena stess. Wara li tlesta l-armar, is-soċji kienu jsibu ħin għall-attivitajiet oħra ta' rikreazzjoni.

Ironikament, fis-sena li fiha twaqqaf il-Każin Liense, is-soċji ma kellhomx ix-xorti li jaraw is-Salvatur għaddej minn quddiem il-każin. Mela, ġara li nhar is-6 ta' Awissu 1878 meta kienet ħierġa l-purċissjoni, il-banda lokali nġabret fuq iz-zuntier bħas-soltu biex takkompanja l-vara. Il-Kappillan, Dun Anton Grech Falzon, li kien qiegħed jobdi l-istruzzjonijiet ta' l-Isqof, għarraf lid-direttur tal-banda li ma kienux jistgħu jingħaqdu mal-purċissjoni. Id-direttur għarraf dan lill-bandisti li telqu mingħajr dewmien, iżda r-reffiegħa ma ridux jafu u daħlu l-istatwa lura fil-knisja. Il-purċissjoni f'dik is-sena ħarġet mingħajr l-istatwa tas-Salvatur.[1]

Xi sentejn wara, ġo Ħal Lija fetħu każini oħra u l-Każin Liense beda jkun magħruf minn kulħadd bħala "l-Każin il-Kbir". Minn tiftix, instab li l-Każin Liense fis-sena 1899 kien fil-lokal Nru. 28, Strada Forni, Lia. F'dik is-sena, dan il-każin kien kompost minn Kumitat ta' disa' membri, fosthom President, Viċi-President u Segretarju. Kull proposta li ssir biex tgħaddi ried ikollha l-maġġoranza tal-voti tal-Kumitat. Il-miżata annwali kienet ta' 6 soldi (1c5). Il-President kien Salvatore Agius u s-Segretarju Angelo Muscat.[2]

Il-każin kompla bix-xogħol tiegħu ewlieni li jieħu ħsieb jarma għall-festa, kull sena, dik il-parti tar-raħal qrib tal-każin, u bl-attivitajiet l-oħra li jsiru fil-każin bħal tombli, fieri, logħob tal-karti u wara, logħob tal-*billiard*.

Fiż-żmenijiet l-aktar riċenti, il-membri f'dan il-każin naqsu ferm li wassal biex fil-Laqgħa Ġenerali Nru. 20 ta' l-14 ta' Diċembru 1958, saret proposta biex il-każin tal-*football* jiġi trasferit għall-Każin Liense fejn kellu aktar kumdità u faċilità għall-attivitajiet sportivi. Din il-proposta għaddiet b'36 vot favur u 8 kontra. Mela, f'Jannar 1959, il-Kumitat tal-Każin Liense u dak tal-Lija Athletic F.C., wara ftehim, saru għaqda waħda bl-isem 'Lija Athletic F.C.' – Każin Liense.

**It-twelid tal-*football* f'Ħal Lija**

Minn tiftix li sar, irriżulta li l-logħob tal-ballun beda jintlagħab fir-raħal tagħna għall-ħabta tas-sena 1933. F'Mejju ta' dik is-sena, *team* bl-isem ta' Lija F.C. tilef bl-iskor ta' 3-7 f'logħba ta' ħbiberija kontra St. Aloysius College.

L-ewwel *team* proprju li fforma ruħu kien bl-isem ta' Lija Brighters fis-sena 1936. Dan it-*team* ta' dilettanti baqa' attiv sas-sena 1939, li minħabba

li faqqgħet it-Tieni Gwerra Dinjija kellu jieqaf ħesrem. *Team* ieħor imwaqqaf qabel il-Gwerra kien dak ta' Lija Youths li jġib is-sena 1938. Però, nafu fiċ-ċert li r-raħal kien rappreżentat għall-ewwel darba fl-M.F.A. bit-*team* ta' Lija Amateurs fl-1939. Minħabba l-katastrofu kbir li wasal ftit wara, dan it-*team* ma kellux ħajja twila. Il-President ta' dan it-*team* kien is-Sur Paul Cuschieri Melbourne u s-Segretarju s-Sur Salvinu Caruana.



*Il-Kumitat tal-Każin Lija Athletics F.C. ta' l-istaġun 1962.63, is-sena li fiha t-team akkwista l-ewwel promozzjoni tiegħu għat-Tieni Diviżjoni.*

F'Laqgħa Ġenerali li kienet saret fil-każin tal-Banda San Piju X fit-18 ta' Ġunju 1944, it-*team* ta' Lija Amateurs reġa' ġie ffurmat. Dan it-*team* li kien jiltaqa' f'dan il-kazin ikkompeta fit-Tieni Diviżjoni tal-M.F.A. u minħabba li ma kellux staġun tajjeb, fl-istaġun ta' wara ma deherx. Għal xi żmien wara, il-*football* f'Ħal Lija waqaf għal kollox. Lija Brighters reġgħu rxuxtaw biex ħadu sehem fil-*Minor League* ta' l-*Anglo Maltese League* fis-sena 1945. Jidher li f'dan il-perjodu, l-interess fil-logħba tal-*football* kien ineżistenti għalkemm teamijiet oħra bħal Lija Rovers (1945) u Lija United (1950) daħlu fix-xena.

**It-twaqqif ta' Lija Athletic F.C.**

L-ewwel attentat serju biex il-*football* fir-raħal jerġa' jibda jintlagħab fuq bażi soda, sar għal ħabta ta' l-1948. Jidher li f'dak iż-żmien l-entużjażmu għal dan il-logħob kien fl-aqwa tiegħu, speċjalment f'ħafna tfal u żgħażagħ fir-raħal li kienu mixtiqin minnu.

Kien wasal il-ħin propizju biex jitwaqqaf formalment każin tal-*football* b'*team* tajjeb skond ma jitolbu ċ-ċirkostanzi taż-żmien, u b'kumitat serju li ma jxoljiex wara ftit taż-żmien. Dawk li daħlu għat-treġija tat-*team* irnexxielhom jakkwistaw post żgħir fi Triq il-Forn. Hemmhekk, wieħed jista' liberament jgħid, li twieled it-*team* ta' 'Lija Athletic Football Club'. L-interess f'dan it-*team* tant kiber li l-għadd tal-membri fil-każin żdied konsiderevolment. Fortunatament, xi diriġenti tal-Każin San Mikiel (li llum spiċċa) offrew il-lokal tagħhom biex jilqgħu fih it-*team* il-ġdid. Il-Kumitat

provižorju tat-*team* laqa' din it-talba u mar jgħammar fil-Każin San Mikiel fi Triq Merino.

L-ewwel Kumitat tal-Lija Athletic F.C. kellu bħala President tiegħu lis-Sur John C. Friggieri (illum President Onorarju) li dam f'din il-kariga għal tmien snin. Bħala Segretarju kien is-Sur Salv Pirotta.

Mill-bidunett kien evidenti li l-Kumitat il-ġdid kellu jieħu l-affarijiet bl-akbar serjetà biex jibni bażi soda għal dawk ta' warajh. B'rieħet is-serjetà u d-dixxiplina li biha kien qed jitmexxa l-*club*, l-ewwel unuri waslu malajr. Ma kienux xi unuri ta' rebħ ta' trofej, imma kienu unuri li bnew il-pedamenti għall-unuri oħra li ġew snin wara. Għal ħames snin sħaħ, it-*team* rebaħ iċ-ċertifikat tal-kondotta għall-imġieba tajba u sportiva tiegħu waqt il-logħob. Dawn huma miżmuma b'għożża flimkien mal-ħafna trofej u tazzi oħra mirbuħa tul medda ta' ħamsin sena.

It-*team* malajr għamel isem u bosta *players* ta' fama, meqjusa bħala l-aħjar fost il-*players* tat-Tielet Diviżjoni minn barra r-raħal, ingħaqdu mat-*team*. Wara tliet snin fil-Każin San Mikiel, it-*team* reġa' tqanqal u mar ftit xhur fil-Każin Liense. Però, il-Kumitat tal-każin ra li l-aħjar triq għalih, biex ikun kollox rajh f'idejh u biex seta' jsir il-progress meħtieġ, kien li jkollu post għalih waħdu. Fis-sena 1952, il-Kumitat irnexxielu jikri post f'Misraħ San Andrija. Din kienet manuvra tassew għaqlija għax minn hemm it-*team* beda jara aktar progress.

Fl-1951, fuq inizjattiva kollha kemm hi tal-Lija Athletic F.C., is-16-il *team* tat-Tielet Diviżjoni ngħaqdu flimkien f'Kumitat wieħed – it-Third Division Clubs Standing Committee – bil-għan biex bħal sħabhom ta' l-Ewwel u t-Tieni Diviżjoni jkunu wkoll rappreżentati fit-tmexxija ta' dak kollu li għandu x'jaqsam magħhom. Din il-laqgħa msejħa mill-Kumitat tal-Lija Athletic saret fil-Każin Liense nhar il-Ħadd, 30 ta' Settembru 1951, u għaliha attendew żewġ rappreżentanti minn kull *club* tat-Tielet Diviżjoni. L-ewwel President maħtur għal dik il-laqgħa kien l-istess President tal-*club*, is-Sur John C. Friggieri li dam jokkupa din il-kariga għal sittax-il sena sħaħ u wara sar President Onorarju bħala turija ta' ħajr tax-xogħol li wettaq f'dan ir-rigward lill-*clubs* tat-Tielet Diviżjoni, li issa kellhom rappreżentanti biex iħarsu d-drittijiet tagħhom fil-Kunsill tal-M.F.A.

Fl-ewwel sena fil-lokal il-ġdid, it-*team* kien tabilħaqq qawwi li spiċċa f'ras il-klassifika ma' dak ta' Żejtun C. bi 12-il punt minn 7 logħbiet. Sfortunatament, it-*team* tilef il-logħba deċiżiva għar-rebħ tas-sezzjoni bl-iskor ta' 1-2.

F'Ġunju 1952, it-*team* lagħab żewġ logħbiet ta' ħbiberija fi Sqallija, waħda kontra t-*team* ta' S.S. Ibla ta' Paternò fit-28 ta' dak ix-xahar u tilef bl-iskor ta' 2-4 u l-oħra kontra Riposto l-għada, 29 ta' Ġunju, li tilef ukoll bl-iskor ta' 6-7.

Fis-snin ta' wara t-*team* kompla fejn kien beda, b'logħob tajjeb li dejjem wassluh qrib l-unuri li l-Kumitat kien jittama ħafna li jikseb b'riħet il-ħila tal-*players* tajba li kellu.



*Staġun 1978/79. It-team kif lagħab meta rebaħ is-Sons of Malta Cup.*

Minkejja l-progress kollu msemmi u d-dix-xiplina sportiva tal-*players*, meta kollox kien jidher li miexi ħarir, inqala' l-għawġ. Fil-logħba tal-*league* kontra Qormi Youngsters ta' nhar l-24 ta' Marzu 1957, xi *players*, sfortunatament tilfu rashom, inqala' l-inkwiet tant li r-*referee* kellu jabbanduna l-logħba meta l-iskor kien 1-0 kontrina. Il-kastig li ħa l-*club* kien wieħed aħrax (u uniku) – sospensjoni għal dejjem mil-logħob tal-*football*. Din is-sentenza kienet tfisser il-mewt tal-*football* fir-raħal, wara li kien rabba l-għeruq fil-fond.

L-appelli li saru biex il-Kunsill tal-M.F.A. jerġa' jikkonsidera l-każ, bil-ħsieb li titnaqqas is-sentenza, sfaw fix-xejn. Bħala l-aħħar sforz, il-Kumitat talab lis-Sur John C. Friggieri biex jindaħal hu u jara x'jista' jagħmel. Għalkemm is-Sur Friggieri ma kienx imdaħħal fil-Kumitat ta' dik is-sena, huwa ħa l-każ f'idejh u bil-kelma t-tajba u l-prudenza seħħlu jipperswadi lill-Kunsill biex jirrevedi l-kastig fuq il-*club* u minn tkeċċija għal għomru l-Lija Athletic F.C. reġa'.ssokta fil-ħidma tiegħu fil-logħob kompetittiv wara nuqqas ta' staġun wieħed (1957-58). Fl-istaġun 1958-59 it-*team* reġa' spiċċa f'ras il-klassifika tas-Sezzjoni tiegħu tat-Tielet Diviżjoni flimkien ma' dak ta' St. Peters (B'Buġa) però, reġa' tilef il-logħba deċiżiva bl-iskor ta' 0-2.

**Fl-aħħar jasal is-suċċess**

Bid-dħul tas-sistema l-ġdida tad-*double fixtures* fl-1960-61, fejn kull *team* kien garantit iżjed logħob fi staġun wieħed, it-*team* tagħna spiċċa l-istaġun mingħajr ma sofra l-ebda telfa. It-*team* kien issa jidher li huwa aktar kompatt u ppreparat. Infatti, l-isforzi u s-sagrifiċċji sa fl-aħħar taw il-frott meħtieġ, meta fl-1962-63 it-*team* tagħna rebaħ l-unika sezzjoni tat-Tielet Diviżjoni u l-promozzjoni għat-Tieni Diviżjoni. It-*team* għamel sitt snin sħaħ fit-Tieni

Diviżjoni u nistgħu ngħidu li ma kellux suċċessi, però bi *players* ta' esperjenza kbira rnexxielu jġib ħafna riżultati tajbin kontra teamijiet iżjed ikkwotati.

Fis-26 ta' Frar 1967, it-*team* lagħab kontra dak ta' l-Ewwel Diviżjoni, il-Valletat F.C., fil-kompetizzjoni tal-F.A. Trophy u tilef bl-iskor ta' 2-0.

Fl-istaġun 1968-69, it-*team* tagħna safa' relegat għal darb'oħra fit-Tielet Diviżjoni. F'din id-diviżjoni baxxa t-*team* għamel disa' snin sħaħ. Però, dan kien żmien fejn trawmu bosta żgħażagħ ta' l-U/18, u bil-mod il-mod, it-*team* reġa' beda jikseb il-qawwa tiegħu. F'dan il-perjodu, it-*team* ta' l-U.18 (*Minors*) rebaħ is-sezzjoni tiegħu tliet darbiet u dak tar-*reserves* darba. Tant kien qawwi t-*team*, li fl-istaġun 1977-78 reġa' rebaħ il-promozzjoni għat-Tieni Diviżjoni u l-kampjonat tat-Tielet Diviżjoni mingħajr ma sofra ebda telfa.

Il-festi li saru fir-raħal dakinhar li l-każin iċċelebra s-suċċess tiegħu tal-promozzjoni wera li l-poplu ta' Ħal Lija jaf jingħaqad biex jifraħ b'kull ġieħ li r-raħal jikseb. Barra minn hekk, konnessi ma' dawn il-festi, il-Kumitat b'għaqal kbir, fakkar l-għeluq il-mitt sena mit-twaqqif tal-Każin Liense. Din il-festa ġiet ikkomemorata b'irħama ta' tifkira li tinsab fl-intrata tal-każin stess.

**Tibda t-triq twila ta' unuri**

Fir-ritorn tiegħu fit-Tieni Diviżjoni, it-*team* fl-istaġun 1978-79 rebaħ it-tazza Sons of Malta tat-Tielet Diviżjoni. Fl-istaġun 1979-80, it-*team* ta wirja sodisfaċenti u spiċċa fil-ħames post tal-*league*. Billi l-M.F.A. kienet se tintroduċi l-*Premier League,* saret *reshuffle* sħiħa u t-*team* sab ruħu fl-Ewwel Diviżjoni.

Il-Kumitat ħassu kburi ħafna li Ħal Lija, raħal ċkejken kellha *team* jikkompeti fl-Ewwel Diviżjoni tal-M.F.A. Għalkemm din kienet esperjenza ġdida, it-*team* kellu jgawdi din id-diviżjoni għal żewġ staġuni.

Fl-istaġun 1982-83, it-*team* tagħna sab ruħu mill-ġdid fit-Tieni Diviżjoni. Din id-darba u fiż-żewġ staġuni ta' wara sab l-iebes, però dejjem irnexxielu jeħles mir-relegazzjoni. Meta l-M.F.A. żiedet in-numru ta' teamijiet għal għaxra, fl-istaġun 1985-86, u jiġu relegati tlieta, it-*team* mhux l-ewwel darba sab it-theddida tar-relegazzjoni tiġri warajh. Għal xi drabi oħra, lejn l-aħħar parti tal-*league,* it-*team* kien jagħmel *come back* u b'dan l-isforz aħħari dejjem evita li jaqa' fit-Tielet Diviżjoni.

Fl-istaġun 1985-86, it-*team* tar-*reserves* rebaħ is-sezzjoni tiegħu u fl-istaġun ta' wara, kien imiss lit-*team* ta' l-U/18 li jirbaħ Sezzjoni 'C' u anki jasal sal-finali ta' l-U/18 K.O., li ntlagħbet fil-*ground* nazzjonali.

Fl-istaġun 1987-88, it-*team* kien wieħed trasformat u b'logħob sabiħ u dirett beda jikseb riżultati pożittivi wieħed wara l-ieħor li wassluh sat-tieni post tal-*league,* flimkien ma' dak ta' Zebbug R. F.C. It-*team* akkwista l-

promozzjoni għall-Ewwel Diviżjoni, għat-tieni darba. F'dan l-istaġun, it-*team* tar-*reserves* akkwista ċ-ċertifikat tal-kondotta mingħand l-M.F.A. Nhar il-Ħadd, 24 ta' April 1988, reġgħet saret festa sabiħa b'marċi brijużi mar-raħal kollu biex tikkommemora l-promozzjoni tat-*team*.

Wara assenza ta' seba' snin, it-*team* reġa' kkompeta fl-Ewwel Diviżjoni fl-1988-89. B'xorti ħażina, għalkemm b'wieħed mill-aħjar teamijiet fl-istorja tal-każin, it-*team* sab ruħu relegat, fl-aħħar ta' l-istaġun, għat-Tieni Diviżjoni.

F'din id-diviżjoni, it-*team* għamel biss żewġ staġuni u fl-istaġun 1990-91 safa' relegat għat-Tielet Diviżjoni wara nuqqas ta' erbatax-il sena, f'logħba deċiżiva li fiha tilef bil-għoti tal-*penalties*.

Però, l-aqwa suċċessi tat-*team* kellhom jaslu fis-snin tad-disgħinijiet. Ironikament, it-*team* beda dawn is-snin fl-aktar diviżjoni baxxa. It-*team* dam fit-Tielet Diviżjoni għal tliet snin sħaħ. It-*team* tar-*reserves* reġa' rebaħ ċertifikat ieħor tal-kondotta fis-sena 1991-92.

L-istaġun 1993-94 fetaħ għat-*team* tagħna l-bieb tas-suċċessi. It-*team* rebaħ il-promozzjoni għat-Tieni Diviżjoni u l-kampjonat tat-Tielet Diviżjoni. Fl-istaġun ta' wara, it-*team* reġa' rebaħ promozzjoni oħra, kif ukoll, għall-ewwel darba ċ-*Challenge Cup* tat-Tieni/Tielet Diviżjoni. Għat-tielet darba konsekuttiva, it-*team* rebaħ il-promozzjoni għall-*Premier Diviżjoni*, bħala *runner-up* fil-*league* ta' l-Ewwel Diviżjoni. Dan kien għall-Kumitat unur kbir ħafna li Ħal Lija kellha *team*, li wara ħafna snin ta' qtigħ il-qalb u sagrifiċċji, rnexxielu jasal sa l-għola quċċata tal-*football* Malti. Ma kull promozzjoni dejjem saru festi adattati u l-Kumitat fakkar dawn b'pubblikazzjonijiet ta' tifkira.

Il-mawra tat-*team* ma' l-*elite* tal-*football* lokali damet biss tul l-istaġun 1996-97. Fl-istaġun ta' wara, it-*team* reġa' kkompeta fl-Ewwel Diviżjoni, fejn ħa sehem ukoll f'dan l-istaġun.

Mela, fil-qosor, din kienet l-istorja tal-*football* ġewwa r-raħal żgħir tagħna; storja mimlija b'sagrifiċċju, ħidma, attività kontinwa, paċenzja u l-ingredjenti l-oħra li fl-aħħar mill-aħħar iwasslu għas-suċċessi u s-sodisfazzjon mill-qalb. Il-Kumitat tal-Lija Athletic Football Club tul medda ta' nofs seklu dejjem għamel il-ħila kollha possibbli tiegħu biex għolla l-isem tal-każin kif ukoll l-istima ta' Ħal Lija, ir-raħal għażiż tagħna. F'dan ir-rigward, il-Kumitat hu kburi ħafna li post ċkejken bħal tagħna kiseb suċċess konsiderevoli fil-logħba tal-ballun, tul dawn il-ħamsin sena mit-twaqqif tiegħu.

---

1. Il-'Ħabbar Malti' – 16 ta' Awissu 1878.
2. 'Guida Generale Di Malta E Gozo per l' Anno 1899'. (Pub.) Giov. Muscat.
   Siltiet minn kitbiet ta' Dun Anton Ebejer u s-Sur J. C. Friggieri.
   Arkivju ta' Lija Ath. F.C.